**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 191/2001

Il-Pulizija
(Spettur N. Harrison)

Vs

Richard Borg

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) F'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Dicembru, 1996 u fl-ahhar gimghatejn qabel dik id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, awtorizzat li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939, Dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2) Ukoll talli ikkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

3) Ukoll talli sar recidiv bi tlett sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-2 t'Awissu 1989, fit-23 ta' Frar 1993 u fl-4 ta' Mejju 1993.

4) Ukoll talli ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-11 t'Ottubru 1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'Ottubru, 2001, li biha wara li rat l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza limitatament ghal pussess illegali semplici ai termini tar-regolament 8 tal-G.N. 292/39, izda minflok imposizjoni ta' piena poggiet lill-istess imputat taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation ghal zmien sentejn bl-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju.
Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta' t'Ottubru 2001, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha timmodifika u tirriforma is-sentenza appellata, billi, fil-waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-imputat gie ddikjarat u misjub bhala recidiv, thassarha u tirrevokha fil-bqija, inkluz il-piena inflitta li allura tigi fin-natura u l-kobor taghha bhala wahda mhiex permessa bil-ligi, u minflok, wara li tirrevedi l-apprezzament tal-provi, issib u tiddikjara htija wkoll tal-istess appellat tal-imputazzjonijiet rimanenti u tinfliggi l-piena karcerarja u pekunjarja skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :- li l-ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat mill-aggravju tac-cirkostanza tad-distanza attinenti ghar-reat ta' pussess illegali ta' eroina peress li ma giex ippruvat li l-imputat kien ha minn dik id-droga li kien xtara u allura ma setax jigi konfermat li dak li kien xtara effettivament kien eroina u mhux xi haga ohra, meta mill-istqarrija tal-appellat jirrizulta b'mod car li b'riferenza ghas-sitt pakketti in kwistjoni , l-appellat , wara li ikkonferma li kienu tieghu u li kien xtrahom huwa stess , kien stqarr li kien hu li qassamhom f'sitt pakketti u li kien ghad fadal, kien ikkunsmhom hu stess ; li ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud hija determinanti f'dar-rigward; li l-appellat kellu ghalhekk jigi dikjarat hati ta' pussess illegali ta' eroina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll tal-aggravju tad-distanza; illi kif jirrizulta mis-sentenza esebita a fol. 75 tal-process , l-appellat kien gie kundannat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal erba snin mid-data tat-28 ta' Settembru, ,1994 u li skond dak li jirrizulta a fol.68 tal-process id-difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli taghmel il-prova tal-identita' ghall-fini tas-sentenzi kollha esebiti ;

Ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur ;

Ikkonsidrat ;

Illi normalment din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm xi zball manifest li jirrendi is-sentenza appellata bhala wahda “unsafe and unsatisfactory” u dan il-principju ghandu jirregola kemm appelli mill-imputat kif ukoll appelli mill-prosekuzzjoni . Fi kliem iehor , jekk fuq il-provi li jkunu tressqu , l-ewwel Qorti setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha , din il-Qorti , anki jekk mhux necessarjament taqbel ma dik il-konkluzzjoni , ma ghandhiex tiddisturbha jew tvarjha. Pero' , kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et. (12.5.1994) (Per V. De Gaetano J.) - “Jekk , izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha , ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura dik tkun raguni valida , jekk mhux addiritura impellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzzjoni (ara. f'dan is-sens , inter alia, Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi (14.2.89) ; Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace (31.5.91) u Il-Pulizija vs. Anthony Zammit (31.5.9l) lkoll appelli kriminali)”

Issa mill-ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti jirrizulta li fl-20 ta' Dicembru, 1996, ghall-habta tas-1.30 p.m., membri tad-Drug Squad mghejjuna minn membri tal-SAG kienu ghamlu raid fil-Fgura Playing Fields , fl-inhawi tal-Club tal-Bocci fejn kien hemm l-appellat barra bilqeghda wahdu jixrob flixkun tal-Coca. Wara li saret tfittxija fuq l-appellat fuq il-post ,hu ttiehed l-ghassa ta' Rahal Gdid fejn saret “strip search” fuqu u hemm instabu sitt qratas f'karti ta'pitazz kontenenti trab kannella , li kienu sospettati li kienu jikkontjenu eroina, mohbijin fil-qalziet ta' taht tal-appellant . Aktar tard l-appellat gie interrogat mill-Ispettur Neil Harrison u l-appellat ghamel stqarrija fejn qal testwalment hekk b'riferenza ghas-sitt pakketti eroina li sabu fuqu l-Pulizija :-

> “ Dawka huma tieghi . Jien dalghodu xtrajt gramma eroina , ghall-prezz ta' Lm25
> Qsamtha f' 6 pakketti u li kien ghad fadal hadtu jiena...... Jiena dawna kienu fuqi sabiex
> imbieghhom ghall-prezz ta' LM10 il-wiehed . Jien ma ilhaqtx bieghhejt minnhom, ghax gew
> il-Pulizija u ghamluli search fuqi u sabuhom .... Jiena niehu madwar zewg pakketti eroina ta'
> Lm10 il-wiehed , kulljum . Jien nohodha billi nahraqha , ghax ma kontx qed insib il-vina.”

Illi r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dok. MM) a fol-35 et seq. tal-process u minnu konfermata bil-gurament fil-11 ta' Settembru, 1997 , tghid irrizulta li trab kannella li kien hemm go qartas f'ammont

nett totali ta' 0.118 grammi , instabet fih l-eroina. Pero', jidher car li din ir-relazzjoni giet esebita mill-Ispizjar Mifsud f'dan il-process bi zball ghax tirriferi ghall- "Borza tal-plastic trasparenti li go fiha kien hemm label bajda bil-kliem "Data 1-2-97 , Hin 5.50 pm , Elevati minn hdejn l-stage pjazza ta' Rahal Gdid , fil-prezenza ta' Richard Borg , minn Pc 10 , Pc 23 " u MHUX ghall sitt qratas elevati minn fuq il-persuna tal-appellat fl-20 ta' Dicembru, 1996 .

Illi b'verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 1997 , l-Avukat Dottor Jason Azzopardi - li dak iz-zmien kien qed jippatrocina lill-appellat - iddikjara li Richard Borg indikat fis-sentenzi kollha esebiti f' dan il-process u l-imputat prezenti fl-awla huma l-istess persuna .

Illi umbaghad mill-verbal tal-Access mizmum mill-Perit Renato La Ferla fit-12 ta' Novembru, 1997 (fol.84) jirrizulta li id-distanza bejn fejn kien qieghed bilqeghda fuq il-hawt l-appellat meta marru l-Pulizija fuqu u l-hajt perimetrali tal-Club tal-Bocci u dak tal-Playing Field tal-Fgura kienet rispettivament ta' 3 metru u 97 centimetru u 8 metri u 70 centimetru u ghalhekk manifestament entro il-limitu ta' mitt metru rikjest biex tirrizulta il-kwalifika imsemmija fl-akkuza .

Illi is-sentenza appellata korrettement tirrileva li ma sarux ezamijiet forensici fuq id-droga esebita , ghalkemm wiehed difficilment jifhem kif hadd ma nduna "a tempo debito" li ir-relazzjoni li kienet qed tigi esebita mill-Ispizjar Mifsud ma kellha x'taqsam xejn mall-kaz , biex jittiehdu l-passi rimedjali !

L-ewwel Qorti , ghab-bazi ta' din il-mankanza , argumentat li allura kienet mankanti prova sodisfacenti li is-sustanza in parola kienet fil-fatt kontrollata bil-ligi u allura ikkonkludiet li in mankanza ta' tali prova, wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat in parola jinsab mhux pruvat u allura nieqes. Fl-istess waqt pero' l-ewwel Qorti ikkonkludiet ukoll li "rrizulta "ex admissis" mill-imputat stess li huwa jabbuza mid-droga bil-konsum kulljum u allura l-akkuza ta' Pussess Illegali (semplici) tikkonfigura fil-konfront tal-imputat " - U DANA MINKEJJA LI LANQAS FIL-KAZ TAD-DROGA HEKK KONSUMATA MA SARU EZAMIJIET FORENSICI .

Illi bir-rispett , din il-Qorti tara kontradizzjoni manifesta fis-sentenza appellata . Ghaliex jekk ghab-bazi tal-istqarrija tal-appellat li hu jikkonsma d-droga kulljum waslet biex sabitu hati ta' pussess semplici , u dana bla ma kellha l-prova xjentifika li dik li kien jikkonsma l-appellat kienet fil-fatt eroina , sustanza kontrollata bil-ligi , hekk ukoll ghab-bazi ta' parti ohra tal-istess stqarrija , fejn l-appellat ammetta li hu kien xtara gramma eroina dak in-nhar li inqabad biha filghodu bil-prezz ta' Lm25 u qasamha f'sitt pakketti u li kien ghad fadal hadu hu u li dawn il-pakketti kienu fuqu sabiex ibieghhom ghall-prezz ta' LM10 il-wiehed imma ma lahax ghamel dan , ghax qabduh il-Pulizija, l-ewwel Qorti kien imissa accettat dan il-fatt bhala pruvat anki jekk ma saritx il-prova forensika fir-rigward. Ghalhekk biex tkun konsistenti is-sentenza appellata , jew l-appellat - u kull minn bhalu jammetti li jkun ha droga bla ma did-droga tigi analizzata xjentifikament - kellu jigi liberat kemm mill-akkuza ta' pussess semplici kif ukoll minn dik ta' pussess f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu jew kellu jinstab hati tat-tnejn s'intendi bil-pussess semplici assorbit fil-pussess f'cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu .

Illi hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha , dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b'biza , jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg - haga li lanqas biss remotament ma sar accenn ghaliha f'dan il-kaz - u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr , sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm , tista' tittiehed bi prova kontra tieghu. (Art. 658 Kap.9)

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti , l-ewwel Qorti ma kienetx konsistenti maghha innifisha meta strahet fuq l-ammissjoni biex issib htija ta' pussess semplici bla ma kienet konfortata minn ezamijiet forensici , imma fl-istess waqt deherilha li ghandha tiskarta l-istess ammissjoni ghar-rigward tal-pussess f'cirkostanzi tali li juru li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellat , ghax ma saritx il-prova forensika.

Umbaghad ukoll il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li ghax ma giex pruvat li l-appellat kien ha mid-droga li kien xtara , hu allura ma kienx fil-pozizzjoni li jikkonferma definittivament li id-droga li kien xtara u li kienu sabu fuqu il-Pulizija kienet eroina ghax setghet wara kollox kienet sustanza li fl-apparenza taghha kienet simili ghall-eroina , izda fil-fatt ma kienetx , ukoll ma treggix , ghax fl-istess stqarrija l-appellat qal ukoll li wara li kien qasam id-droga li xtara f'sitt pakketti , li kien fadal hadu hu.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ir-ragunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat mill-akkuza dedotta kontra tieghu u issibu hati biss ta' pussess semplici , huma inkonsistenti kemm fuq bazi ta' ragjonevolezza ,kif ukoll fuq bazi ta' dritt probatorju u ghab-bazi tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellat tal-fatti li akkompanjaw is-sejbien ta' droga fil-qalziet ta' taht tieghu , l-ewwel Qorti ma setghetx hlief issib il-htija tal-appellat u kull konkluzzjoni ohra tkun wahda stirakkjata ghall-ahhar , inkonsistenti u manifestament “unsafe and unsatisfactory” u tista' twassal ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-drogra innifisha, analisi li f' hafna kazijiet ma tkunx tista' issir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali fuq il-mertu hu altru milli fondat .

Illi umbaghad dwar l-aggravju tal-Avukat Generali li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddecidiet li ma rrizultax li dan ir-reat sar fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza indikata fl-akkuza , jigi rilevat li is-sentenza sospiza ta' sitt xhur prgunerija sospizi ghall-erba snin li ssemiet fl-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem l-ewwel Qorti kienet dik li suppost iggib id-data tal-11 t'Ottubru, 1994 , mentri fil-fatt mis-sentenza esebita fil-process a fols. 70 et seq. u d-duplikata a fol. 75 et seq. jidher li din fil-fatt kienet iggib id-data tat-28 TA'SETTEMBRU , 1994 . Illi wara l-esibizzjoni ta' din is-sentenza ma jidher li sar ebda tentattiv mill-Prosekuzzjoni biex tikkorregi l-akkuza , kif kellha kull dritt li taghmel , u jidher li dan l-izball baqa' ghaddej bla ma l-Prosekuzzjoni tat kaz . Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li ma rrizultax li dan ir-reat sar fil-periodu operattiv tas-sentenza “INDIKATA FL-AKKUZA” , ghax is-sentenza indikata fl-akkuza ma gietx esebita u x'aktarx ma tezistix ghax id-data vera ta' dik is-sentenza hija proprju dik tat-28 ta' Settembru, 1994 . L-ewwel Qorti ikkonkludiet dan mhux ghax ghamlet xi kalkolu zbaljat taz-zmien jew ghax injorat il-portata tal-verbal a fol.68 , kif donnu ried jimplika l-Prosekutur , imma ghax is-sentenza esebita, minnhabba zball tal-Prosekuzzjoni li esebitha , ma kellhiex id-data li issemmiet fl-akkuza. L-ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li tirmedja ghal dan l-izball u ghall-ommissjoni tal-Prosekuzzjoni li titlob d-debita korrezzjoni fl-akkuza billi tikkoregi hi “marte propria” l-akkuza, biex tigi taqbel mad-data tas-sentenza attwalment esebita . Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat u qed jigi respint .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi milqugh limitatament kif fuq intqal u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata in kwantu iddecidiet li l-appellat huwa recidiv , izda ma jirrizultax li dan ir-reat sar fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza indikata fl-akkuza u qed tigi revokata in kwantu sabet lill-appellat hati skond l-akkuza limitatament ghal pussess illegali semplici u in kwantu minnflok imposizzjoni ta' piena poggiet lill-istess appellat taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Michelle Sultana bl-obbligi kollha kontenuti fl-Ordni tal-Probation formanti parti integrali tal-istess sentenza u minnflok , qed issib lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu ta' pussess ta' droga eroina li instabet f'cirkostanzi tali li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li kkommetta dan ir-reat fi , jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' Club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh - f' dal-kaz il-Club tal-Bocci u l-Playing Field tal-Fgura- b'dana illi l-appellat sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit- 23 ta' Frar, 1993 u l-4 ta' Mejju, 1993 - izda mhux ukoll b'sentenza tat-2 t'Awwissu, 1989 kif indikat fl-akkuza - u wara li rat l-artikoli 49 , 50 u 533 tal-Kap.9 , Ir-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939 ) u l-artikoli 22 (1) (a) , (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-istess artikolu 22 (2) u l-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ) u l-fedina penali refrattarja tal-appellat fejn gja inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati biex ibiddel hajtu izda xorta ma hadhomx , u l-fatt li hu recidiv ghal aktar minn darba , tikkundanna lill-appellat ghal tlitt snin prigunerija - li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-appellat inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz - u ghall-multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u tikkundanna lill-appellat li jhallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu biss mall-hatra tal-espert Perit Renato La Ferla , fl-ammont ta' LM51.71c., kif jirrizultaw minn fol-84 a tergo tal-process, ghax l-ispejjez tar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (fol.38 a tergo tal-process) , li m'ghandha x'taqsam xejn mall-kaz odjern, ma ghandhomx jigu akkollati lill-appellat u finalment tordna li id-droga esebita (Dok. NH2) tigi konfiskata u tigi distrutta mill-istess Spizjar Mario Mifsud taht id-direzzjoni u sorveljanza tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti meta did-distruzzjoni tkun twettqet .

Joseph G. Galea Debono.
18.09.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur